**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 4610/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmel Decelis**

Illum, 29 ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Carmel Decelis, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 551048(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-1 t'April 2022 u/jew fix-xhur u l-ġranet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer Maltin, b'diversi atti magħmula minnu li ġew magħmula fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil Joseph Neville Chappell u Jane Mary Chappell, b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dak li għamel kien ta' fastidju għalihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' Lulju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Carmel Decelis ħati tal-akkuża taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta,

illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien sena mill-lum. *In oltre*, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti rabtet lill-imputat b'obbligazzjoni taħt l-istess artikolu sabiex ma jdejjaqx jew bi kwalunkwe mod jimmolesta jew jagħti fastidju lil Joseph Neville Chappell u lil Jane Mary Chappell u dan taħt piena ta' elfejn Ewro (€2000) għal zmien sena mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Decelis, ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati u tilliberah mill-kumplament għall-provi u fatti legali esposti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-uniku aggravju minnu vventilat, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti ma tatx każ il-fatt illi huwa resaq quddiemha sabiex jagħti spjegazzjoni dwar dak li realment seħħ, għalkemm indika minn qabel it-tip ta' provi li kellu. Jisħaq li l-fatt li ma xehedx mhuwiex prova ta' dak li hija l-verita' u li għalhekk bis-sentenza mogħtija ma saritx ġustizzja miegħu.

Illi, l-Qorti eżaminat l-atti proċesswali minn fejn jemerġi illi fis-seduta quddiem l-Ewwel Qorti ta' nhar l-4 ta' Novembru 2022, xehdu x-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni, u sussegwentment kien ivverbalizat li "**id-difiza tiddikjara li m'għandiex aktar provi**". Wara dan kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll il-parte ċivile irrimettew ruħhom għall-atti, u l-Qorti għaddiet biex tisma' is-sottomissjonijiet tad-Difiża. Il-kawża, imbagħad, ġiet differita għat-03 ta' Marzu 2023 għas-sentenza, bis-sentenza tkun prolatata finalment fl-24 ta' Lulju 2024. Illi tul il-proċess penali kollu, l-appellant kien dejjem debitament assistit minn avukat għajr għal xi seduta jew tnejn fejn ma kien sar xejn, fejn qatt ma saret ebda talba mid-Difiża sabiex l-appellant ikun jista' jiddeponi.

Għalhekk ma hemm xejn x'jindika li l-Ewwel Qorti zbaljat b'xi mod fil-konfront tiegħu, kif qed jallega l-appellant. Kien l-appellant stess li volontarjament għazel li ma jixhidx, kif kellu kull dritt li jagħmel wara kollox, kif ukoll ma ressaq l-ebda prova sabiex tiġi kkunsidrata mill-Ewwel Qorti qabel tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha. Mhux biss, iżda għalkemm fir-rikors tal-appell tiegħu huwa iddikjara li ser iressaq talba quddiem din il-Qorti sabiex jixhed, ebda talba f'dan is-sens ma tressqet minnu fis-seduta skedata għas-smigħ tal-appell. Għaldaqstant, dan l-ilment tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fil-mertu, imbagħad jidher illi dan l-każ ra t-twelid tiegħu nhar l-1 ta' April 2022, għall-ħabta tat-8:15am, meta Beatrice Spiteri irrappurtat lill-Pulizija li kienet ġiet ffastidjata bl-aġir ta'l-appellant Carmel Decelis fejn allegat illi matul il-lejl u kmieni filgħodu, f'ħinijiet differenti, iżda b'mod ripetut, kien qiegħed joqgħod iħabbat mal-ħajt divizorju b'xi oġġett u li xhud ta' dawn il-ħsejjes kontinwi hemm ukoll il-*carer* tagħha Bunzol Sherly Aquino. Irrappurtat illi kienet ilha tisma' dawn il-ħsejjes matul il-lejl għal madwar ġimgħa. Temmet ir-rapport tagħha billi saħqet li madanakollu ma xtaqtitx li jittieħdu passi kriminali kontra l-appellant.

Ġara iżda li aktar tard fl-istess jum Joseph Neville Chappell irraporta lill-pulizija li kien qiegħed jisma' ħsejjes ġejjin minn xi oġġett f'ħinijiet bejn 00:00am u 04:30am u li kienu qed ikunu ta' inkonvenjent kemm għalih kif ukoll għal martu Jane Mary Chappell. Mistoqsi x'ħin sema' dawn il-ħsejjes nhar l-1 t'April 2022, huwa stqarr li dan kien għall-ħabta ta' 00:10am.

Illi, meta xehdu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, il-partijiet ikkonfermaw l-istess verzjoni tal-fatti hekk kif irrappurtat lill-Pulizija *a tempo vergine*. Beatrice Spiteri bdiet billi xehdet li l-appellant kien "**ilu jħabbatni fuq is-snin**" u li kien "**ilu jippersegwitani mat-tmien snin. Daqqa hekk, oħra hekk**". Spjegat li "**dan l-aħħar beda jħabbatli bejn id-9:30 u l-9:45 ta' bil-lejl. U ma tajtx kas, imma mbagħad beda jħabbatli bil-lejl isammar mal-ħajt u jqajjimni hux. Kienet il-ġurnata l-aħħar li ħabbatli kien fit-2 t'April**". Tkompli tixhed li l-perijodu li fih l-appellant kien joqgħod

iħabbat u jagħmel l-istorbju kien bejn l-aħħar ta' Marzu u l-bidu ta' April u hi kienet tisimgħu sew għax hemm ħajt komuni bejniethom.

Illi, xehdet ukoll Sherly Aquino Bunzol, il-*carer* ta' Spiteri li stqarret li –

> ***"During the night specially in the middle of the night he is knocking in the window, in the walls and I used to wake up very very nervous because I was in the middle of the sleep and when I hear boom, boom, boom I was in shock. I used to stand up on my bed and to check my employer if she is ok because she is also getting nervous when she heard them during the middle of the night. A terrible sounds from the walls"***

Illi, Joseph Neville Chappell xehed li l-appellant kien iħabbat mal-ħajt u mas-saqaf f'ħinijiet diversi matul il-lejl u li minħabba f'hekk kien jaħsdu u jqajjmu. Jgħid li għalkemm r-rapport sar minnu lill-pulizija nhar it-2 t'April 2022, il-fastidju minn taħt idejn l-appellant kien ilu għaddej għal xi tlett ġimgħat. Dan ikkonfermatu ukoll il-mara ta' Chappell, *ossia* Jane Mary Chappell li xehdet:–

> "**Uuu ilu jagħmlilna affarijiet ... Illum ħa ngħidlek kemm iħabbat, iħabbat bil-lejl, f'nofs il-lejl u għaxra, filgħodu fl-erba' ta' filgħodu. Tkun rieqda jaħsdek, inkunu fil-kamra tas-sodda nqumu**".

Tgħid li kien ilu sejjer xi tlett ġimgħat u li l-aħħar li ħabbat kien nhar it-2 t'April 2022. Dwar dik l-okkazzjoni, ix-xhud stqarret li "**kont rieqda u nisma' t-taħbit, qomt niġri u lir-raġel għidtlu 'dan x'inhu?' u qalli 'mhux dan'. Kienu xi nofs il-lejl u għaxra"**. Tikkonferma li kien l-appellant li kien qed jagħmel tali ħsejjes għax hu l-uniku persuna li jirrisjedi sular fuq ir-residenza tagħhom. Tixhed ukoll illi huma sofrew fastidju minn taħt idejn l-appellant anke permezz ta' aġir ieħor.

Illi, minn naħa l-oħra l-verżjoni mogħtija mill-appellant lill-pulizija kienet differenti fejn huwa nnega li kien il-persuna li jagħmel xi ħsejjes matul il-lejl. Kien allega ukoll li kienu s-Sinjuri Chappell li kienu jagħmlu l-ħsejjes u dana għaliex huma kienu jħallu l-*washing machine* għaddejja matul il-lejl, allegazzjoni li ġiet innegata mill-parte ċivile.

**Ikkunsidrat:**

Illi, ir-reat addebitat lill-appellant ġie trattat mill-Qrati nostrana diversi drabi. Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmelo Vella" mogħtija minn dina l-Qorti nhar l-14 ta' Mejju 2012, ġie ritenut li –

**"Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali. "Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:**

***'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs 6 Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.***

***Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon."***

Illi, ukoll il-ġurista Blackstone fil-*Black's Law Dictionary* - (7th. edit.) jiddeskrivi t-terminu "fastidju" bħala "***Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose***".

Illi, spjanat dan it-tagħlim ġurisprudenzjali, u wara eżami akkurat tal-atti proċesswali, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha tinsab moralment konvinta mill-ħtija tal-appellant fir-rigward l-unika imputazzjoni lilu addebitata. Ġie ppruvat sal-grad

rikjest mill-liġi li l-appellant, f'diversi okkazzjonijiet, kien ikkawża lill-parti offiża fastidju bl-aġir ripetut tiegħu meta fil-ħin tal-mistrieħ, f'nofs ta' lejl kien jagħmel storbju mhux ġustifikat, u b'imġieba oħra tiegħu ikkaġuna fastidju lill-ġirien tiegħu, għalhekk ma hemm xejn sindikabbli fis-sentenza appellata. Illi x-xhieda kollha li xehdu jikkorroboraw l-istess verżjoni tal-fatti, fejn l-appellant minn naħa tiegħu ma jressaq ebda prova, sal-grad minnu rikjest, li b'xi mod tiskossa dawn il-fatti. Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant fil-mertu qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. It-terminu ta' sena imposta fuq l-appellant fit-termini ta'l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali jibda jiddekorri mil-lum.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**